

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – APF vs Il-Parlament(Kawża T-16/17) ⁽¹⁾

(“Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Deċiżjoni li tagħti sussidju lil partit politiku — Prefinanzjament iffissat għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju mogħti — Obbligu li ttipprovdi garanzija bankarja ta’ prefinanzjament — Regolament Finanzjarju — Regoli li jimplementaw ir-Regolament Finanzjarju — Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f’livell Ewropew — Proporzjonalità — Użu ħażin ta’ poter”)

(2018/C 301/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Alliance for Peace and Freedom (APF) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görnitz, C. Burgos u S. Alves, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew FINS-2017-15 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar l-ġoti ta' sussidju lir-rikorrent, sa fejn din id-deċiżjoni tillimita l-prefinanzjament għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju u tissuġġetta dan il-ħlas għall-provvista ta' garanzija bankarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alliance for Peace and Freedom (APF) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 27.7.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – CLF vs Il-Parlament(Kawża T-54/17) ⁽¹⁾

(“Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Deċiżjoni li tagħti sussidju lil partit politiku — Prefinanzjament iffissat għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju mogħti — Obbligu li ttipprovdi garanzija bankarja ta’ prefinanzjament — Regolament Finanzjarju — Regoli li jimplementaw ir-Regolament Finanzjarju — Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f’livell Ewropew — Proporzjonalità — Użu ħażin ta’ poter”)

(2018/C 301/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Coalition for Life and Family (CLF) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görnitz, S. Alves u C. Burgos, aġenti)